

Dispożittiv

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jgħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni industrijali mibdija wara s-sejħa ta' sindakat tal-persunal ta' trasportatur bl-ajru li jopera, fl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġislazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari tat-terminu ta' preavviż impost minnha, intiża li jitwasslu t-talbiet tal-ħaddiema ta' dan it-trasportatur u segwita minn kategorija waħda ta' persunal li l-preżenza tagħha tkun neċessarja sabiex titwettagħ titjira, ma taqax taħt il-kunċett ta' "ċirkustanza straordinarja", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

(¹) ĠU C 85, 23.3.2020.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Marzu 2021 (talba għal deċizzjoni preliminari tal-High Court of Justice, Family Division (England and Wales) – Ir-Renju Unit) – SS vs MCP

(Kawża C-603/20 PPU) (¹)

(Rinviju għal deċizzjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċizzjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikolu 10 – Ġurisdizzjoni fil-qasam ta' responsabbiltà tal-ġenitur – Ħtif ta' wild – Ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru – Portata territorjali – Tneħħija ta' wild fi Stat terz – Residenza abitwali miksuba f'dan l-Istat terz)

(2021/C 189/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

High Court of Justice, Family Division (England and Wales)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: SS

Konvenut: MCP

Dispożittiv

L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, kif emendat bir-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 2116/2004 tat-2 ta' Diċembru 2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax fil-każ fejn jiġi kkonstatat li wild kiseb, fid-data tat-tressiq tat-talba dwar ir-responsabbiltà tal-ġenitur, ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat terz wara htf lejn dan l-Istat. Jekk dan ikun il-każ, il-ġurisdizzjoni tal-qorti adita għandha tiġi ddeterminata konformement mal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli, jew, fin-nuqqas ta' tali konvenzjoni internazzjonali, konformement mal-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament.

(¹) ĠU C 28, 25.01.2021.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil n° 2 de Madrid (Spanja) fil-15 ta' Jannar 2021 – ZA, AZ, BX, CV, DU u ET vs Repsol Comercial de Productos Petrolíferos S.A.

(Kawża C-25/21)

(2021/C 189/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil n° 2 de Madrid